MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2011

Numru 719/2011

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Mercieca**

**vs**

**Juanito Jimenez**

Il-Qorti;

Rat l-imputat Juanito Jimenez ta’ 18-il sena, iben Pedro Juan u Pauline nee’ Deguara, imwieled Pieta’ nhar is-26 ta’ Mejju 1993 u residenti nru. 12, Sqaq id-Duluri nru. 1 Hamrun u detentur tal-karta tal-identita’ numru 242693(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Fil-lejl bejn il-15 u s-16 ta’ Mejju, 2011 mill-hanut Melita Bar fi Triq il-Kbira San Guzepp, Hamrun:

1. Flimkien ma persuna ohra, ikkommetta serq ta' sigaretti, flus u/jew xi oggetti ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), u bil-hin, ghad-detriment ta' Anthony Camilleri, Carmel Camilleri, Brian Micallef, is-socjeta' British American Tobacco (Malta) Ltd. u/jew ta' persuna/i u/jew xi entita' u/jew entitajiet ohra;

2. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioe' is-serratura tax-shutter ta' barra ta' l-istess hanut u s-cigarette vending machine li minnha ittiehdu s-sigaretti, liema hsara tiskorri l-elf mija w erbgha w sittin Euro u disgha w sittin centezmu (€1164.69) u li saret ghad-dannu ta' Anthony Camilleri, Carmel Camilleri, is-socjeta' British American Tobacco(Malta) Ltd u/jew ta' persuna/i u/jew xi entita' u/jew entitajiet ohra;

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 14 ta' Gunju 2011 (esebit a fol. 12 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-14 ta' Gunju 2011 ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-14 ta' Gunju 2011 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri u kkunsidrat ukoll l-eta’ zghira tal-imputat u l-fatt li huwa kkopera mal-Pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261, 263(a), 264(1), 265, 267, 270, 279(a), 280(2) u 325(a) tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien tlett(3) snin millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------